MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Numru 706/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs.**

**Lawrence Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ **Lawrence Mifsud** ta’ wiehed u sebghin (71) sena, iben il-mejjet Lawrence u Lorenza nee’ Attard, imwieled St. Venera nhar it-13 ta’ Frar 1941, residenti gewwa 114, Triq il-Marlocc, Zabbar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 154441M, akkuzat talli;

Nhar l-1 ta' Mejju 2012, gewwa Zabbar, bhala l-persuna li zamm jew jaqbel li jzomm xi annimal u cioé qattus/a, gieghel lill-istess annimal isofri ugiegh, tbaghtija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (2) u 8 (3) tal-Kapitolu 439 Dwar il-Harsien ta' l-Annimali, u aktar talli

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm ghandu annimali u cioé qattus/a u ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq tieghu u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8 (2) u 8 (3) tal-Kapitolu 439 Dwar il-Harsien ta' l-Annimali, u;

Fl-istess cirkostanzi kkawza l-qtil ta' annimal domestiku jew li kien gie ddomestikat u dan bi ksur ta' l-Artikolu 13 (1) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u l-atti l-ohra kollha ta' dan il-kaz, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-istess.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri u l-fedina penali tal-istess imputat (li pratikament hija wahda nadifa).

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(2), 8(3) u 13(1) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta’ tmien (8) xhur prigunerija li, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed jigu sospizi ghal sentejn.

A tenur ta’ l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilita’ tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk huwa jikkometti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------